VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 416 tal-2018

ATT GĦAT-TWAQQIF TAL-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI (KAP. 418)

Ordni tal-2018 li jemenda t-Tieni Skeda tal-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 46(2) ta'l-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ. Kap. 418.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda t-Tieni Skeda tal-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni għandhom jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Novembru 2019.

Jemenda t-Tieni Skeda tal-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Kap. 418

2. Minnufih wara s-subparagrafu (ii) tat-Tieni Skeda tal-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti trasnkonfini.".